*Fit-Tribunal Industrijali*

*Fil-kwistjoni tax-Xoghol*

*bejn:*

*Muscat Mario*

*Vs*

*Debono Mario, Cassar Emmvin u Cassar Rudolph ilkoll bhala Doretturi tal-Kumpanija Windmill Limited u b' degriet tal- ghaxra (10) ta' Gunju 2011, giet ordnata korrezzjoni fis-sens li t-tlett diretturi qed jigi mharrka f' isimhom proprio u bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Windmill Limited.*

*Kaz Nru 2883/JB*

*Illum 29 ta' Lulju 2011*

*Decizjoni Nru 2097*

*Chairman: Dr Joseph P Bonnici LL.D*

**Introduzzjoni**

Illi l-appellant talab lil dan it-Tribunal jiddikjara li it-terminazzjoni tal-impjieg tieghu minn mas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni gusta.

Illi l-intimati ghalkemm debitament notifikati, naqsu sia li jipprezentaw risposta ghall-pretensjoni tar-rikorrent u sia li jkunu prezenti fil-proceduri quddiem dan it-Tribunal.

**<u>Provi</u>**

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit tieghu fil- hmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011). Esebixxa wkoll diversi dokumenti relatati mal-impjieg tieghu. Ikkonferma bil-gurament tieghu l-introjtu tieghu fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju 2011.

Illi kif gia gie rilevat d-diretturi kif imharrka u in rappresentanza tas-socjeta intimata ma pprezentawx ruhhom biex issir xi ghamla ta' difiza kontra l-pretensjonijiet tar-rikorrent.

Illi l-incident li wassal ghal terminazzjoni tal-impjieg jirrivolvi ruhu fuq it-talba tal-istess rikorrent biex jinghata apparat specifiku, semplici maskla bhala kopertura ghan-nifs. Stante li kien jinvolvi rock–wool li hu tip ta' fibra kancerogena meta tigi assorbita mill-bniedem man-nifs. Fuq talba daqshekk elementari ghas-sigurta' ta' sahhet il-bniedem fuq il-lant tax-xoghol, il-principal irritalja u keccieh mix-xoghol, sic et simpliciter. Dana l-attegjament ma hux accettabbli fuq post tax-xoghol meta jikkoncerna is-sahha u s-sigurta' tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol. Kif gja gie ritenut minn dan it-

Tribunal, din il-kondotta ghandha tigi stronkata. Veru li l-kontumacja giet interpretata bhala kontestazzjoni. Pero fil-kaz prezenti in dizamina t-Tribunal ma jarax ghalfejn ma ghandhux joqghod fuq il-versjoni rikorrenti.

Relattivament ghat-talba tar-rikorrenti, it-Tribunal huwa cirkoskritt bl-Art 81 (2a) meta jigi biex jaghti kumpens in segwitu ghal tkeccija ngusta. Dana johrog mill-proviso tal-istess subinciz. It-tribunal ma jistax jordna hlas ta' flus dovuti ghal avviz ta' terminazzjoni u/jew beneficcju u/jew assistenza ghal qghad.

Dana ghandhu jintalab f' forum differenti. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u wara li ra l-art. 81 u 82 tal-Kap 452, it-Tribunal qed jiffissa l-kumpens fis-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000).

**Konkluzjoni**

Illi t-Tribunal jiddeciedi illi t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent minn mas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni gusta, tikkundanna lill-intimati biex ihallsu s-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) bhala kumpens.

Id- drittijiet dovuti qed jigu ntaxxati fis-somma ta' hamsin Euro (€50).

(Iffirmat) **Dr Joseph P Bonnici**

**Chairman**

Vera Kopja

Vincent Micallef
Segretarju